MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1302/2004

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta l-**
**Assikurat taghha Anna Galea u l-istess Anna Galea**

**Vs**

**Emmanuel Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta Gunju 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lil-atturi s-somma rikjesta ta' sitt mija tmienja u ghoxrin lira hamsa u hamsin centezmu (Lm628.55) rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi meta l-konvenut waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru DAE 985 fid-19 ta Mejju 2003 gewwa l-Mgarr habat mal-vettura numru ABH 076 proprjeta ta l-attrici Anna Galea u misjuqa minnha stess u kkagunalha l-imsemmija danni ghal liema incident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-10 ta Novembru 2003 kontra l-konvenut u ta ittra ufficcjali ohra prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficcjali tal-10 ta Novembru 2003 kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 13 ta Ottubru 2004 fejn ikkontesta t-talbiet attrici stante li ma jahtix tal-incident in kwistjoni.
Ra l-provi mressqa miz-zewg partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:-

Illi l-kaz in ezami jitratta dwar kollizjoni li sehhet bejn zewg vetturi gejjin minn direzzjoni opposta gewwa triq San Martin l-Mgarr, Malta. L-attrici kienet sejra lejn ghajn tuffieha f'parti li hi telgha filwaqt li l-konvenut kien qed isuq lejn l-Mgarr. Skond il-verzjoni rappurtata a fol 24 tal-process jirrizulta li meta l-attrici rat lill-konvenut hija rnexxielha tieqaf fil-mument tal-impatt filwaqt li l-konvenut ghalkemm ra lill-attrici u pprova iwaqqaf il-vettura tieghu, huwa ma rnexxielux bil-konsegwenza li baqa diehel fiha. Mill-iskizz a fol 27 tal-process jirizulta wkoll li l-konvenut halla "tyre marks" ta sittax il-metru, liema fattur ghalkemm ma hux prova ta speed eccessiv ghal dik il-lokalita pero xorta wahda huwa ndikazzjoni ta certu nuqqas ta diligenza u ta speed mhux daqshekk prudenti partikolarment meta tqis li affaccjat bil-presenza tal-vettura tal-attrici gejja lejh huwa ma rnexxielux iwaqqaf il-vettura tieghu fil-hin.

L-attrici tghid li l-konvenut kien miexi fin-nofs tat-trieq u meta huwa raha gejja, applika l-brakes u miinnflok waqaf, baqa jitkaxkar ghal fuqha. Fil-mument tal-impatt hija kienet miexja bil-mod ghat-telgha.

Illi l-konvenut baqa qatt ma ta l-verzjoni tieghu tal-fatti bil-gurament u b'nota konguntiva datata 6 ta April 2006, il-partijiet talbu li l-kawza tista tithalla ghas-sentenza.

Illi mill-osservazzjonijiet hawn fuq maghmula ghandu jirrizulta li l-attrici ma kellha ebda htija ghall-incident in kwistjoni li jidher li sehh unikament ghar-raguni li l-konvenut naqas li jibqa in kontroll tal-vettura tieghu meta affaccja lill-attrici u kien hu li baqa jitkaxkar bid-dritt ghal fuqha meta applika l-brakes. Illi ma hemm xejn fil-process li jista jindika mod iehor;

Illi jigi osservat ukoll li ma kienx hemm kontestazzjoni fuq il-kwantum tad-danni kagonati.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni, kwindi jichad l-eccezzjonijiet tieghu, jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif mitluba ta sitt mija tmienja u ghoxrin lira hamsa u hamsin centezmu (Lm628.55) bl-imghax legali dekorribbli mill-14 ta Novembru 2003 u bl-ispejjes kollha kif rikjesti inkluz ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------